MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 216/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Jesmar Abela**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmar Abela talli (flimkien ma' Salvu Abela u Joseph Fenech) fit-8 ta' Mejju 2002 wara nofs inhar f'Malta, barra mill-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccjaw jew ipprovaw jikkaccjaw ghal xi ghasfur jekk ma' kienx ghasfur li mhux imsemmi fl-iskeda I li tinsab annessa ma' l-A.L. 146/1993;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi (flimkien ma' Salvu Abela u Joseph Fenech) ftehmu, ipprovaw, jew ghinu, hajjru, taw pariri jew qabbdu xi persuna ohra biex tikser id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien tal-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew naqsu milli jikkonformaw ma' xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittima moghtija bis-sahha ta' xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti) jew kisru xi restrizzjonijet, projbizzjonijiet jew htiega imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi (flimkien ma' Salvu Abela) filwaqt li kienu gewwa jew fuq vettura bil-mutur, kellhom, zammew armi tan-nar ikkargati jew barra mill-ghata taghhom jew daru ghall-kacca ta' xi ghasfur jew ghal fenek selvagg, jew ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw, jiehdu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur jew fenek selvagg;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bil-mutur bla kont u traskurat b'mod li seta' jkun ta' periklu ghal terzi;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, garr arma tan-nar jew fittex jew dar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghasafar kemm il-darba ma kellux fuqu karta tal-identita` u licenzja mahruga fuq ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Ukoll talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, garr arma tan-nar, sew jekk ikkargata jew mhix, li ma kinitx fl-ghata taghha, jew spara xi arma ohra tan-nar waqt li kien inqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew rahal, jew f'postijiet ohra abitati, jew anqas minn toroq principali w arterji;

Ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 10 ta' Dicembru 2001 liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija, barra l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti kif ukoll l-iskwalifika tal-licenzi kollha tal-kacca ta' l-imputat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jesmar Abela hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hlief iz-zewg imputazzjonijet qabel l-ahhar wahda, ossija tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet stante li ma gewx pruvati sodisfacjentement u li kwindi lliberatu minnhom u kkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin oltre ghall-hlas ta' erba' mitt liri Maltin (Lm400) multa u ordnat li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tal-kacca ghal perijodu ta' hames snin mid-data tas-sentenza u dawk il-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza, kif ukoll ordnat il-konfiska tal-arma Winchester numru serjali N815313;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Jesmar Abela tal-25 ta'Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita` u tirriformaha jew tirrevokaha dwar il-piena billi tinfliggi fuq l-appellant piena inqas severa minn dik inflitta mill-ewwel Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa limitat ghall-piena li jqis bhala eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami. Huwa jghid li jiddispjacieh ta' dak li ghamel u jimmerita li jigi punit izda l-modalita` tal-piena nflitta fuqu hija wahda ngusta meta mkejla mar-reati addebitati lilu.

Issa, bhalma dejjem gie ritenut, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Il-pieni applikabbli ghall-ewwel tliet reati dedotti kontra l-appellant ghal ksur tal-provvedimenti ta' l-Avviz Legali 146/1993 (kif sussegwentement emendat) huma dawk previsti fir-regolament 25(2) - rez applikabbli bil-proviso tar-regolament 25(3) stante li l-ghasafar koncernati kienu kuccard. U stante li jirrizulta li l-appellant huwa recidiv f'reat bi ksur ta' l-istess ligi - sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-10 ta' Dicembru 2001 - japplikaw il-pieni fil-paragrafu (b) ta' l-imsemmi regolament 25(2), u cioe`: multa ta' mhux anqas minn mitt lira (Lm100) izda mhux aktar minn elfejn lira (Lm2,000), jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u prigunerija flimkien u kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*. Inoltre l-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-licenza jew il-permess ghal perijodu ta' mhux anqas minn sena imma mhux aktar minn tliet snin.

Kwantu ghar-raba' imputazzjoni, dik ghal ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 65, il-piena hija ta' multa ta' mhux izjed minn mitt lira (Lm100) jew prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur kif ukoll is-sospensjoni tal-licenzi tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux anqas minn tliet xhur.

Ir-reat dedott taht il-hames imputazzjoni ghal ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 66 huwa mbaghad punibbli bi prigunerija ghal perijodu ta' mhux anqas minn xahrejn u mhux aktar minn sentejn.

Mis-suespost huwa evidenti li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi b'dan li ghandu jkun hemm temperament fil-perijodu ta' sospensjoni tal-licenzi tal-kacca.

---

[1] Ara, per ezempju, Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Andrew George Stone** 12 ta' Mejju 2004.

Fis-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti, l-abbli difensur ta' l-appellant issottolineja li bil-proceduri kontra l-appellant il-Pulizija riedet taghmel ezempju minnu. Din il-Qorti ma taqbilx. Permezz ta' dawn il-proceduri l-Pulizija ghamlet id-dover taghha u pprocediet kontra min forsi dehrlu li seta' jikser il-ligijiet ta' pajjizna b'impunita`. Bis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ukoll baghtet messagg lil min johrog ghall-kacca u li "b'non-kuranza ghal-ligijiet tal-pajjiz u spropozitament [jikkommetti] atti certament indenji ta' pajjiz suppost civilizzat". Naturalment irid jittiehed kont tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Hekk, per ezempju, f'dan il-kaz ma jirrizultax li nqatlu xi tajr. Fl-istess hin jirrizulta li din hija t-tieni darba li l-appellant qieghed jinstab hati ta' reati bi ksur ta' l-Avviz Legali 146 tas-sena 1993. Ghalhekk il-piena trid tkun wahda li jkollha effett deterrent qawwi. Issa, din il-Qorti hi tal-fehma li kieku ma tezistix il-possibilita` ta' sospensjoni ta' sentenza ta' prigunerija taht is-sistema legali taghna, il-piena ta' prigunerija effettiva kellha tkun anqas minn dik inflitta mill-ewwel Qorti. Ghalhekk hemm lok ta' temperament f'dik il-piena wkoll.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward ta' l-appellant Jesmar Abela u ghalhekk tirrevokaha in kwantu ordnat li jigi skwalifikat mil-licenzi kollha tieghu tal-kacca ghal perijodu ta' hames snin u minflok tiskwalifikah mil-licenzi kollha tieghu tal-kacca ghal perijodu ta' tliet snin, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin u minflok tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sena b'dan li, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9, din is-sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' erba' snin millum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u finalment tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-perijodu ghall-iskwalifika mil-licenzi tal-kacca u mil-licenzi tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada. Il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk

huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perijodu operattiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------